Nru./No. 21,508
Prezz/Price
€9.90

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru, 2025
Friday, 19th September, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 12,529 - 12,554
Government Notices ..... *12,529 - 12,554*

Avviżi tal-Pulizija ..... 12,554 - 12,559
Police Notices ..... *12,554 - 12,559*

Avviżi lill-Baħħara ..... 12,560 - 12,567
Notices to Mariners ..... *12,560 - 12,567*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 12,567 - 12,712
Employment Opportunities ..... *12,567 - 12,712*

Avviżi tal-Gvern ..... 12,713 - 12,716
Notices ..... *12,713 - 12,716*

Offerti ..... 12,716 - 12,720
Tenders ..... *12,716 - 12,720*

Avviżi tal-Qorti ..... 12,720 - 12,744
Court Notices ..... *12,720 - 12,744*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1461

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra bħala Aġent Avukat Ġenerali ta' Dott. Abigail Caruana Vella, Avukat Anzjan, bejn il-31 ta' Awwissu u t-12 ta' Settembru, 2025.

Id-19 ta' Settembru, 2025

Nru. 1462

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL

Ħatra tal-Membri tal-Bord dwar il-Petizzjonijiet (Tribunali Lokali)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol approva l-ħatra tas-Sur John Mary Dalli bħala membru tal-Bord dwar il-Petizzjonijiet (Tribunali Lokali).

Din il-ħatra hija b'seħħ mit-2 ta' Settembru, 2025 u valida sat-30 ta' Jannar, 2027.

L-10 ta' Settembru, 2025

Nru. 1463

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 148 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2); u

Abbozz ta' Liġi Nru 149 imsejjaħ l-Att tal-2025 li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

Id-19 ta' Settembru 2025

Nru. 1464

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Hatra ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

NGĦARRFU b'din illi skont ir-regolamentazzjoni 15(5) tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S. Const.01), qed jiġi approvat li s-Sa Angele Cilia

GOVERNMENT NOTICES

No. 1461

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment as Acting Attorney General of Dr Abigail Caruana Vella, Senior Lawyer, between the 31st of August and the 12th September, 2025.

19th September, 2025

No. 1462

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY AND EMPLOYMENT

Appointment of Members of the Petitions Board (Local Tribunals)

IT is hereby notified for general information that the Minister for Home Affairs, Security and Employment has approved the appointment of Mr John Mary Dalli as Member of the Petitions Board (Local Tribunals).

This appointment is with effect from 2nd September, 2025 and valid up to 30th January, 2027.

10th September, 2025

No. 1463

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 148 entitled the Employment and Industrial Relations (Amendment No. 2) Act, 2025; and

Bill No. 149 entitled the Health Care Professions (Amendment) Act, 2025.

19th September 2025

No. 1464

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Designation of Acting Executive Secretary, Public Service Commission

IT is hereby notified that, in terms of Regulation 15(5) of the Public Service Commission General Regulations (S.L.Const.01), Ms Angele Cilia Degiorgio is designated to

Degiorgio tinħatar bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv għall-perjodu mill-20 ta' Settembru, 2025 sat-3 ta' Ottubru, 2025.

Id-19 ta' Settembru, 2025

Nru. 1465

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, U X-XOGĦOL

Ħatra tal-Membri tal-Kumitat għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni

B'REFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1362 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 497 tad-29 ta' Awwissu, 2025, ngħarrfu illi is-Sur Joseph Bugeja huwa Membru tal-Kumitat.

Il-Membri tal-Kumitat huma:

Chairperson
L-Onor. Byron Camilleri

Deputy Chairperson
Is-Sa Joyce Dimech

Members
Il-Brigadier Clinton O'Neil
Is-Sur Angelo Gafà
Is-Sur George Scerri
Il-Kaptan Charles Pace
Is-Sur Joseph Bugeja
Is-Sur Saviour Aquilina

Is-16 ta' Settembru, 2025

Nru. 1466

AĠENZIJA TAL-UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI

Kodiċi tal-Etika għall-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 4(6) tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali (Kap. 90 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Avukat Ġenerali, bi ftehim mal-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni rreveda l-Kodiċi ta' Etika tiegħu għall-Avukati u l-Prokuraturi Legali fl-Aġenzija tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Il-Kodiċi jissostitwixxi l-Kodiċi ta' Etika għall-Avukati u l-Prokuraturi Legali fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ppubblikat bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 1650 fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' Diċembru, 2019:

Artikolu 1: Għanijiet u Prinċipji Fundamentali

a. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom għall-ħarsien tal-interess

act for the Executive Secretary for the period 20th September, 2025 to 3rd October, 2025.

19th September, 2025

No. 1465

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, SECURITY AND EMPLOYMENT

Appointment of Members of the Aviation Security Committee

WITH reference to Government Notice No. 1362 published in Government Gazette No. 497 of the 29th August, 2025, it is notified that Mr Joseph Bugeja is a Committee Member.

The Members of the Committee are:

Chairperson
The Hon. Byron Camilleri

Deputy Chairperson
Ms Joyce Dimech

Members
Brigadier Clinton O'Neil
Mr Angelo Gafà
Mr George Scerri
Captain Charles Pace
Mr Joseph Bugeja
Ms Saviour Aquilina

16th September, 2025

No. 1466

OFFICE OF THE ATTORNEY GENERAL AGENCY

Code of Ethics for Prosecutors and Legal Procurators at the Office of the Attorney General

IN exercise of the powers conferred by article 4(6) of the Attorney General Ordinance (Chapter 90 of the Laws of Malta), the Attorney General, with the concurrence of the Minister for Justice and the Reform of the Construction Sector has revised its Code of Ethics for Advocates and Legal Procurators at the Office of the Attorney General Agency. The Code substitutes the Code of Ethics for Advocates and Legal Procurators at the Office of the Attorney General published by Government Notice number 1650 in the Government Gazette of the 27th December, 2019:

Article 1: Objectives and Fundamental Principles

a. Prosecutors and Legal Procurators shall perform their functions for the protection of the public interest through the

pubbliku permezz tal-applikazzjoni oġġettiva, imparzjali u konsistenti tal-liġi. Huma għandhom jikkontribwixxu b'mod attiv sabiex jiżguraw li s-saltna tad-dritt tiġi rrispettata, u li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja titwettaq b'mezzi xierqa, ġusti, effiċjenti u f'waqthom fl-istadji kollha tagħha, filwaqt li jqisu kif xieraq l-impatt usa' tal-azzjonijiet tagħhom fuq il-fiduċja pubblika, il-benesseri tal-vittmi, u l-eżiti fil-komunità.

b. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali huma aġenti essenzjali fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja u għandhom dejjem jissalvagwardjaw l-unur, id-dinjità, l-integrità u l-verità fir-relazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet professjonali kollha tagħhom, filwaqt li jevitaw kwalunkwe forma ta' frodi, rappreżentazzjoni ħażina, jew qerq. Ir-rekords u d-dokumenti uffiċjali kollha għandhom ikunu preċiżi u kompluti.

ċ. Fit-twettiq tad-dmirijiet prosekutorji, il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali jaġixxu f'isem is-soċjetà u fl-interess pubbliku bid-dmir prevalenti li jfittxu l-ġustizzja. Dan id-dmir jirrikjedi li huma jsegwu eżiti ġusti, jiddefendu d-drittijiet tal-partijiet kollha, u jikkontribwixxu għat-titjib fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali lil hinn mill-kundanni, filwaqt li dejjem iqisu l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq il-vittmi u l-komunità b'mod ġenerali.

d. Fil-ħidma tagħhom, il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jaġixxu b'indipendenza tal-ġudizzju, ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna indebita, inkluża pressjoni politika, personali jew pubblika u skont il-konvinzjonijiet tagħhom dwar l-interpretazzjoni tal-liġi, abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa u oġġettiva tal-fatti u tal-liġi.

e. Il-prosekuturi għandhom jeżerċitaw id-diskrezzjoni tagħhom b'mod indipendenti u awtonomu. Id-deċiżjoni li tinbeda, titkompla jew tiġi tterminata prosekuzzjoni għandha tkun imsejsa biss fuq evalwazzjoni bir-reqqa ta' evidenza fondata li huma jemmnu raġonevolment li hija affidabbli, ammissibbli, u tipprovdi aspettattiva raġonevoli ta' kundanna f'konformità mal-liġi u l-interessi tal-ġustizzja. L-ebda awtorità mingħajr is-setgħat prosekutorja ma tista' tmexxi t-teħid ta' deċiżjonijiet prosekutorji; kwalunkwe komunikazzjoni minn tali awtoritajiet għandha tiġi ttrattata b'mod trasparenti skont linji gwida stabbiliti li jippreservaw l-indipendenza tal-prosekuzzjoni.

f. Il-prosekuturi għandhom jaġixxu b'oġġettività u imparzjalità, filwaqt li jqisu kif xieraq is-sitwazzjoni tal-persuna suspettata, id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-vittmi, u ċ-ċirkostanzi rilevanti l-oħra kollha, irrispettivament minn jekk dawn ikunux ta' vantaġġ jew żvantaġġ għall-persuna suspettata. Huma għandhom jevitaw kwalunkwe preġudizzju bbażat fuq karatteristiċi personali, inkluż iżda mhux limitatament għar-

objective, impartial, and consistent application of the law. They shall actively contribute to ensuring that the rule of law is respected, and that the administration of justice is carried out by appropriate, fair, efficient, and timely means at all its stages, giving due consideration to the broader impact of their actions on public confidence, victim wellbeing, and community outcomes.

b. Prosecutors and Legal Procurators are essential agents in the administration of justice and shall always maintain the honour, dignity, integrity, and truthfulness in all their professional dealings and communications, avoiding any form of fraud, misrepresentation, or deception. All official records and documents shall be accurate and complete.

c. In performing prosecutorial duties, Prosecutors and Legal Procurators act on behalf of society and in the public interest with the overarching duty to seek justice. This duty requires them to pursue fair outcomes, uphold the rights of all parties, and contribute to the improvement of the administration of criminal justice beyond merely securing convictions, always considering the potential impact of their decisions on victims and the wider community.

d. In their work, Prosecutors and Legal Procurators shall act with independence of judgment free from any undue external influence, including political, personal, or public pressure and according to their convictions on the interpretation of the law, based on a thorough and objective assessment of the facts and the law.

e. Prosecutors must exercise their discretion independently and autonomously. The decision to initiate, continue, or terminate a prosecution shall be based solely on a thorough evaluation of well-founded evidence that they reasonably believe to be reliable, admissible, and provides a reasonable prospect of conviction in accordance with the law and the interests of justice. No authority lacking prosecutorial powers may direct prosecutorial decision-making; any communication from such authorities shall be handled transparently under established guidelines that preserve prosecutorial independence.

f. Prosecutors shall act with objectivity and impartiality, giving due consideration to the situation of the suspect, the rights and needs of victims, and all other relevant circumstances, irrespective of whether these are to the advantage or disadvantage of the suspect. They shall avoid any bias based on personal characteristics, including but not limited to race, ethnicity, gender, religion, sexual orientation,

razza, l-etniċità, il-ġeneru, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, jew kwalunkwe raġuni diskriminatorja oħra, u jippromwovu b'mod attiv id-diversità, l-ekwità u l-inklużjoni.

g. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jirrispettaw u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali minquxa fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif interpretati mill-ġurisprudenza tal-Qrati ta' Malta u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

h. Id-dokumenti, l-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet kollha fil-pussess tal-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jiġu ttrattati b'kunfidenzjalità u ma għandhomx jiġu żvelati jew użati għal gwadann personali, sakemm ir-rwol tagħhom, l-interessi tal-ġustizzja, jew l-obbligi legali ma jirrikjedux xort'oħra. Huma għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jipproteġu l-informazzjoni kunfidenzjali minn aċċess, użu jew żvelar mhux awtorizzat u jikkonformaw mal-liġijiet applikabbli kollha dwar il-protezzjoni tad-data u l-politiki tal-Uffiċċju rigward il-ġbir, il-ħżin u l-ipproċessar tad-data personali.

Artikolu 2: Kooperazzjoni fi ħdan is-Sistema tal-Ġustizzja u mal-Pubbliku

a. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jikkooperaw bis-sħiħ u professjonalment mal-pulizija, il-qrati, il-professjoni legali (inkluż l-avukat tad-difiża), u aġenziji u istituzzjonijiet pubbliċi oħra involuti fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali sabiex jiżguraw l-ekwità, l-effettività u l-effiċjenza tal-prosekuzzjonijiet. Din il-kooperazzjoni għandha tkun imsejsa fuq ir-rispett reċiproku u impenn komuni lejn il-ġustizzja.

b. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom, meta jintalbu u fejn xieraq, jagħmlu ħilithom sabiex jirrikonċiljaw id-differenzi legali li jistgħu jirriżultaw minn żmien għal żmien bejn fergħat differenti tal-amministrazzjoni pubblika involuta fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali.

ċ. Fl-interazzjonijiet tagħhom mal-vittmi tal-kriminalità, il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jaġixxu b'sensittività, rispett, u kunsiderazzjoni xierqa għad-drittijiet u l-ħtiġijiet tagħhom, billi jipprovdulhom informazzjoni u appoġġ xierqa fil-limiti tar-rwol professjonali u l-obbligi legali tagħhom.

d. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jagħmlu ħilithom sabiex isostnu l-fiduċja pubblika fl-integrità u l-imparzjalità tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja permezz ta' kondotta trasparenti u professjonali, filwaqt li jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet u l-proċedimenti li

or any other discriminatory grounds, and actively promote diversity, equity, and inclusion.

g. Prosecutors and Legal Procurators shall respect and protect human rights and fundamental freedoms enshrined in the Constitution of Malta and the European Convention on Human Rights, as interpreted by the case law of the Courts of Malta and the European Court of Human Rights.

h. All documents, information, and communications in the possession of Prosecutors and Legal Procurators shall be treated with confidentiality and shall not be disclosed or used for personal gain, unless their role, the interests of justice, or legal obligations require otherwise. They shall take appropriate measures to protect confidential information from unauthorised access, use, or disclosure and comply with all applicable data protection laws and Office policies regarding the collection, storage, and processing of personal data.

Article 2: Cooperation within the Justice System and with the Public

a. Prosecutors and Legal Procurators shall cooperate fully and professionally with the police, the courts, the legal profession (including defence counsel), and other public agencies and institutions involved in the administration of criminal justice to ensure the fairness, effectiveness, and efficiency of prosecutions. This cooperation shall be based on mutual respect and a shared commitment to justice.

b. Prosecutors and Legal Procurators should, when asked and where appropriate, endeavour to reconcile legal differences that may arise from time to time between different branches of the public administration involved in the administration of criminal justice.

c. In their interactions with victims of crime, Prosecutors and Legal Procurators shall act with sensitivity, respect, and due regard for their rights and needs, providing them with appropriate information and support within the bounds of their professional role and legal obligations.

d. Prosecutors and Legal Procurators shall strive to maintain public confidence in the integrity and impartiality of the Office of the Attorney General and the administration of justice through transparent and professional conduct, while respecting the confidentiality of ongoing investigations and proceedings. All Prosecutors and Legal Procurators

jkunu għaddejjin. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali kollha għandhom iżommu standards xierqa ta' kondotta fl-interazzjonijiet tagħhom, kemm fl-Uffiċċju kif ukoll barra minnu. L-Uffiċċju huwa impenjat li jipprovdi post tax-xogħol ħieles mill-fastidju, bullying, diskriminazzjoni, u kwalunkwe forma ta' mġiba offensiva.

shall maintain appropriate standards of conduct in their interactions, both within and outside the Office. The Office is committed to a workplace free from harassment, bullying, discrimination, and any form of offensive behaviour.

Artikolu 3: Awtonomija, Indipendenza u Trasparenza

a. F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar kwistjonijiet legali sinifikanti li jinqalgħu fi prosekuzzjoni bejn Prosekutur li jkun qed imexxi l-każ u s-superjur tiegħu, il-Prosekutur jista' jitlob li l-kwistjoni tiġi riferuta lill-Avukat Ġenerali għal deċiżjoni.

b. F'każijiet ta' nuqqas ta' qbil fundamentali ma' deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali, il-Prosekutur ikkonċernat jista', wara kunsiderazzjoni xierqa u b'ġustifikazzjoni xierqa, jitlob li jiġi sostitwit fil-każ. Tali talbiet għandhom jitqiesu b'mod ġust u mingħajr preġudizzju.

ċ. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jiżguraw it-trasparenza fi ħdan l-Uffiċċju fir-rigward tal-ammont ta' xogħol li għandhom u kwalunkwe kunflitt potenzjali li jista' jinqala', u għandhom jinfurmaw minnufih lis-superjuri tagħhom dwar kwalunkwe ċirkostanza li tista' taffettwa l-kapaċità tagħhom li jwettqu dmirijiethom b'mod effettiv u etiku.

Article 3: Autonomy, Independence and Transparency

a. In the event of a disagreement on significant legal issues arising in a prosecution between a Prosecutor leading the case and their superior, the Prosecutor may request that the matter be referred to the Attorney General for decision.

b. In cases of fundamental disagreement with a decision of the Attorney General, the Prosecutor concerned may, after due consideration and with appropriate justification, request to be replaced on the case. Such requests shall be considered fairly and without prejudice.

c. Prosecutors and Legal Procurators shall ensure transparency within the Office regarding their workload and any potential conflicts that may arise, promptly informing their superiors of any circumstances that may affect their ability to perform their duties effectively and ethically.

Artikolu 4: Kunflitti ta' Interess

a. Prosekutur jew Prokuratur Legali ma għandux jiġi assenjat jew ikompli bi prosekuzzjoni fi kwalunkwe sitwazzjoni fejn jeżisti kunflitt ta' interess jew jista' raġonevolment jitqies li jeżisti. Sitwazzjonijiet bħal dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: i. li jkollhom kwalunkwe interess personali jew finanzjarju dirett jew indirett fl-eżitu tal-każ; ii. jekk il-konjuġi, il-koabitant, is-sieħeb jew kwalunkwe qarib tagħhom relatat magħhom sar-raba' grad jew ħabib ikollu interess personali jew finanzjarju dirett jew indirett fil-proċedimenti; iii. jekk preċedentement ikunu aġixxew f'kapaċità li tista' tikkompromietti l-imparzjalità jew l-oġġettività tagħhom fil-każ attwali; iv. jekk ikunu f'sitwazzjoni li tagħti lok għal nuqqas ta' dehra ta' imparzjalità lil osservatur raġonevoli.

b. Jekk Prosekutur jew Prokuratur Legali fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jsir konxju ta' kwalunkwe raġuni prattika, personali jew xort'oħra, li tista' tillimita l-kapaċità tiegħu li jkun kompletament oġġettiv jew effettiv fil-prosekuzzjoni, huwa għandu jinforma minnufih lill-Avukat Ġenerali jew lis-superjur maħtur tiegħu u jista' jitlob li jiġi sostitwit.

ċ. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom ikunu konxji tal-potenzjal għal kunflitti ta' interess li

Article 4: Conflicts of Interest

a. A Prosecutor or Legal Procurator shall not be assigned to or continue with a prosecution in any situation where a conflict of interest exists or could reasonably be perceived to exist. Such situations include, but are not limited to: i. having any direct or indirect personal or financial interest in the outcome of the case; ii. if their spouse, cohabitant, partner, or any relative related to them up to the fourth degree or friend has a direct or indirect personal or financial interest in the proceedings; iii. if they have previously acted in a capacity that could compromise their impartiality or objectivity in the current case; iv. if they are in a situation that gives rise to a lack of appearance of impartiality to a reasonable observer.

b. If a Prosecutor or Legal Procurator in the Office of the Attorney General becomes aware of any practical reasons, personal or otherwise, that may limit their ability to be fully objective or effective in a prosecution, they shall promptly inform the Attorney General or their designated superior and may request to be replaced.

c. Prosecutors and Legal Procurators shall be mindful of the potential for conflicts of interest arising from their pre-

jirriżultaw mill-impjieg tagħhom qabel u wara l-impjieg fis-servizz pubbliku. Huma għandhom jiżguraw l-integrità u l-imparzjalità tal-Uffiċċju u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan jinkludi l-obbligu li jiġu żvelati impjiegi rilevanti preċedenti u li jiġu evitati azzjonijiet li jistgħu jikkostitwixxu lobbying, bdil fil-patroċinju tal-każ b'mod mhux xieraq, jew l-użu ħażin ta' informazzjoni privileġġata, f'konformità mal-linji gwida u l-obbligi legali stabbiliti.

d. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jaderixxu mal-Politika tal-Uffiċċju dwar ir-Rigali, l-Ospitalità u l-Benefiċċji sabiex jiżguraw li l-għemejjel tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu kkritikati u ma jagħtux lok għal xi kunflitt ta' interess attwali, potenzjali jew apparenti. Huma għandhom jeżerċitaw kawtela fl-aċċettazzjoni jew fl-għoti ta' kwalunkwe rigal, benefiċċju, jew ospitalità, filwaqt li jiżguraw il-konformità mal-limiti definiti għal rigali sinifikanti u li għandhom jiġu rraportati, u għandhom jirrapportaw b'mod trasparenti l-offerti kollha li jeċċedu l-valur li għandu jiġi rraportat f'konformità mal-proċeduri stabbiliti. Il-prinċipju gwida għandu jkun li tiġi evitata kwalunkwe sitwazzjoni li tista' toħloq obbligu reali jew perċepit jew iddgħajjef il-fiduċja tal-pubbliku fl-integrità u l-imparzjalità tal-Uffiċċju.

Artikolu 5: Tmexxija tax-Xogħol u r-Relazzjonijiet Professjonali

a. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali għandhom jorganizzaw il-ħidma tagħhom b'mod diliġenti u jagħtu prijorità lill-kompiti abbażi tal-importanza u l-urġenza tagħhom għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali, b'qies għall-portata u s-sensittività taż-żmien tal-kwistjonijiet.

b. Jekk il-Prosekuturi jew il-Prokuraturi Legali jantiċipaw nuqqas ta' kapaċità li jlestu x-xogħol sal-iskadenzi taż-żmien meħtieġa, huma jridu jinfurmaw minnufih lis-superjur immedjat tagħhom, filwaqt li jidentifikaw ir-raġunijiet għad-dewmien potenzjali u kwalunkwe diffikultajiet li jirriżultaw minħabba l-ammont ta' xogħol jew skadenzi li jikkonkorru.

ċ. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jittrattaw lill-kollegi, lis-superviżuri, lill-entitajiet tal-gvern, lill-membri tal-ġudikatura, lill-konsulenti tad-difiża u lir-rappreżentanti ta' aġenziji u istituzzjonijiet pubbliċi oħra involuti fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali, lix-xhieda, u lill-pubbliku b'rispett, kortesija u professjonaliżmu, li juru lealtà, manjieri tajbin, spirtu ta' kooperazzjoni, u rieda li joffru assistenza u appoġġ.

d. Għandhom jinżammu relazzjonijiet kordjali, kooperattivi u rispettużi mal-impjegati amministrattivi, klerikali u oħrajn kollha fi ħdan l-Uffiċċju. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jużaw ukoll ir-riżorsi tal-Uffiċċju (inkluż it-tagħmir, il-finanzi, u l-ħin) b'mod

and post-public employment. They shall ensure the integrity and impartiality of the Office and the administration of justice. This includes the obligation to disclose relevant employment history and to avoid actions that could constitute lobbying, switching sides inappropriately, or the misuse of insider information, in accordance with established guidelines and legal obligations.

d. Prosecutors and Legal Procurators shall adhere to the Office's Policy on Gifts, Hospitality, and Benefits to ensure that their actions are above reproach and do not give rise to any actual, potential, or apparent conflict of interest. They shall exercise caution in accepting or bestowing any gifts, benefits, or hospitality, ensuring compliance with the defined thresholds for significant and reportable gifts, and shall transparently report all offers exceeding the reportable value in accordance with established procedures. The guiding principle shall be to avoid any situation that could create a real or perceived obligation or undermine public confidence in the integrity and impartiality of the Office.

Article 5: Conduct of Work and Professional Relations

a. Prosecutors and Legal Procurators at the Office of the Attorney General shall organise their work diligently and prioritise tasks based on their importance and urgency for the administration of criminal justice, considering the magnitude and time sensitivity of issues.

b. If Prosecutors or Legal Procurators anticipate an inability to complete work within required timelines, they must promptly inform their immediate superior, outlining the reasons for the potential delay and any arising difficulties due to workload or concentrated deadlines.

c. Prosecutors and Legal Procurators shall treat colleagues, supervisors, government entities, members of the judiciary, defence counsels and representatives of other public agencies and institutions involved in the administration of criminal justice, witnesses, and the public with respect, courtesy, and professionalism, demonstrating loyalty, good manners, a spirit of cooperation, and a willingness to offer assistance and support.

d. Cordial, cooperative, and respectful relations shall be maintained with all administrative, clerical, and other employees within the Office. Prosecutors and Legal Procurators shall also use Office resources (including equipment, finances, and time) responsibly and for legitimate

responsabbli u għal skopijiet leġittimi relatati max-xogħol, filwaqt li jieħdu ħsieb kif xieraq il-proprjetà u r-riżorsi kollha fdati lilhom għax-xogħol tagħhom. Il-ħela u l-użu ħażin tar-riżorsi tal-Uffiċċju huma pprojbiti.

e. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jaderixxu mar-rekwiżiti tal-attendenza fl-uffiċċju u s-sigħat tax-xogħol b'mod kompatibbli mad-dmirijiet tagħhom, inklużi d-dehriet fil-qorti u esiġenzi professjonali oħra, filwaqt li jiżguraw id-disponibbiltà tagħhom kif meħtieġ.

f. Il-kollaborazzjoni mal-Maġistrati u l-Imħallfin waqt is-seduti tal-qorti għandha ssir bi professjonaliżmu u rispett. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jiżguraw il-puntwalità għas-seduti skedati kollha.

g. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom iżommu dehra u imġiba professjonali kemm fl-Uffiċċju kif ukoll matul is-seduti tal-qorti, filwaqt li jiżguraw li l-imġiba tagħhom ma tiskreditax lill-Uffiċċju jew lill-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Artikolu 6: Imparzjalità u Ekwità fl-Assenjazzjoni tax-Xogħol

Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali fi rwoli superviżorji jew ta' koordinazzjoni għandhom, kemm jista' jkun, jassenjaw ix-xogħol b'mod ekwu, jiżguraw l-ekwità u jipprovdu opportunitajiet għall-kollegi sabiex jiksbu esperjenza f'varjetà ta' każijiet, inklużi prosekuzzjonijiet sinifikanti, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-promozzjoni tad-diversità u l-inklużjoni fit-timijiet tagħhom.

Artikolu 7: L-Integrità Professjonali u l-Evitazzjoni ta' Mġiba Mhux Aċċettabbli

a. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali ma għandhomx jinterferixxu fl-assenjazzjoni tax-xogħol lil kollegi oħra sakemm dan ma jkunx meħtieġ sabiex jiġi żgurat it-trattament xieraq tal-prosekuzzjonijiet meta kollega jkun indispost b'mod leġittimu.

b. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali ma għandhomx jitolbu ħatriet jew pożizzjonijiet personali għalihom infushom jew għal oħrajn, ħlief permezz ta' proċessi trasparenti u legali stabbiliti mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jew bil-liġi.

ċ. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali ma għandhomx jaċċettaw rigali jew favuri personali minn kollegi jew partijiet esterni, għajr dawk ta' valur minimu mogħti skont id-drawwa (eż. anniversarji, irtirar, tluq) jew f'sitwazzjonijiet ta' ospitalità reċiproka ta' valur nominali. Huma għandhom jeżerċitaw kawtela u jevitaw li jaċċettaw kwalunkwe ħaġa li tista' raġonevolment tiġi pperċepita bħala li tinfluwenza

work-related purposes, taking due care of all property and resources entrusted to them for their work. Wastefulness and misuse of Office resources are prohibited.

e. Prosecutors and Legal Procurators shall adhere to office attendance requirements and working hours in a manner compatible with their duties, including court appearances and other professional exigencies, ensuring their availability as needed.

f. Collaboration with Magistrates and Judges during court hearings shall be conducted with professionalism and respect. Prosecutors and Legal Procurators shall ensure punctuality for all scheduled sittings.

g. Prosecutors and Legal Procurators shall maintain a professional appearance and demeanour both within the Office and during court sittings, ensuring their conduct does not discredit the Office or the administration of justice.

Article 6: Impartiality and Equity in Work Assignment

Prosecutors and Legal Procurators in supervisory or coordinating roles shall, to the greatest extent possible, assign work in an equitable manner, ensuring fairness and providing opportunities for colleagues to gain experience in a variety of cases, including significant prosecutions, and with due regard to promoting diversity and inclusion within their teams.

Article 7: Professional Integrity and Avoidance of Unacceptable Behaviour

a. Prosecutors and Legal Procurators shall not interfere in the assignment of work to other colleagues unless necessary to ensure the proper handling of prosecutions when a colleague is legitimately indisposed.

b. Prosecutors and Legal Procurators shall not solicit personal appointments or positions for themselves or others, except through transparent and lawful processes established by the Office of the Attorney General or by law.

c. Prosecutors and Legal Procurators should not accept gifts or personal favours from colleagues or external parties, other than those of minimal value given according to custom (e.g., anniversaries, retirement, departure) or in situations of reciprocal hospitality of nominal value. They shall exercise caution and avoid accepting anything that could reasonably be perceived as influencing their professional judgment

l-ġudizzju professjonali tagħhom jew li toħloq obbligu. Irrigali kollha għandhom jiġu ddikjarati u rreġistrati skont il-politiki tal-Uffiċċju.

Artikolu 8: Komunikazzjonijiet Esterni u Dikjarazzjonijiet Pubbliċi

Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jaġixxu u jikkomunikaw barra mill-Uffiċċju u fil-ħidma tagħhom b'dixxerniment u b'riżerva, b'mod partikolari sabiex jevitaw it-tixrid ta' informazzjoni li tista' tkun ta' preġudizzju għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali, l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin, jew il-proċedimenti tal-qorti. Id-dikjarazzjonijiet pubbliċi kollha għandhom isiru skont il-politika tal-Uffiċċju u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipji ta' ġustizzja u imparzjalità.

Artikolu 9: Taħriġ, Żvilupp Professjonali, u Għarfien Etiku

a. L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali għandu jiżgura li jingħata taħriġ formali u prattiku komprensiv, inkluż taħriġ speċifiku u kontinwu dwar l-etika, l-integrità, id-drittijiet tal-bniedem, l-aħjar prattiki fil-prosekuzzjoni, flimkien mal-promozzjoni tad-diversità, l-ekwità u l-inklużjoni lill-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali kollha.

b. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom jieħdu responsabbiltà proattiva għall-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom, jibqgħu infurmati tajjeb u aġġornati dwar l-iżviluppi legali, il-ġurisprudenza rilevanti, u l-linji gwida etiċi sabiex jiżguraw il-provvista ta' servizz ta' kwalità għolja fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali.

ċ. Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali huma mħeġġa jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet u riflessjonijiet dwar id-dilemmi u l-isfidi etiċi li jiltaqgħu magħhom fil-ħidma tagħhom, filwaqt li jrawmu kultura ta' sensibilizzazzjoni etika u appoġġ reċiproku fi ħdan l-Uffiċċju.

Artikolu 10: Proċeduri ta' Responsabbiltà u Dixxiplina

a. In-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jikkostitwixxi reat dixxiplinarju u huwa soġġett għal-liġijiet u r-regolamenti rilevanti li jirregolaw l-impjieg fis-settur pubbliku u l-professjoni legali f'Malta.

b. L-akkużi għal reati dixxiplinarji għandhom jiġu ttrattati fil-pront, b'mod ġust, u b'mod li jiżgura l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża, inkluż id-dritt li wieħed jinstema' u li jippreżenta l-evidenza, u jiggarantixxi l-indipendenza u l-imparzjalità fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Il-Prosekuturi u l-Prokuraturi Legali għandhom irresponsabbiltà li jirrapportaw kwalunkwe ksur suspettat ta' dan il-Kodiċi, imġiba mhux etika, attivitajiet illegali, jew għemil ħażin fl-Uffiċċju permezz ta' mezzi interni stabbiliti.

or creating an obligation. All gifts shall be declared and registered in accordance with Office policies.

Article 8: External Communications and Public Statements

Prosecutors and Legal Procurators shall conduct their behaviour and communications outside the Office and in their work with discernment and reserve, particularly to avoid the dissemination of information that could be prejudicial to the administration of criminal justice, ongoing investigations, or court proceedings. All public statements shall be made in accordance with Office policy and with due regard to the principles of fairness and impartiality.

Article 9: Training, Professional Development, and Ethical Awareness

a. The Office of the Attorney General shall ensure that comprehensive formal and practical training, including specific and ongoing training on ethics, integrity, human rights, best practices in prosecution, along with promoting diversity, equity, and inclusion, is provided to all Prosecutors and Legal Procurators.

b. Prosecutors and Legal Procurators shall take proactive responsibility for their continuous professional development, staying well-informed and abreast of legal developments, relevant jurisprudence, and ethical guidelines to ensure the provision of high-quality service in the administration of criminal justice.

c. Prosecutors and Legal Procurators are encouraged to engage in discussions and reflections on ethical dilemmas and challenges encountered in their work, fostering a culture of ethical awareness and mutual support within the Office.

Article 10: Accountability and Disciplinary Procedures

a. Failure to comply with the provisions of this Code constitutes a disciplinary offence and is subject to the relevant laws and regulations governing public sector employment and the legal profession in Malta.

b. Charges for disciplinary offences shall be handled promptly, fairly, and in a manner that ensures respect for the rights of the defence, including the right to be heard and to present evidence, and guarantees independence and impartiality in the decision-making process.

Prosecutors and Legal Procurators have a responsibility to report any suspected breaches of this Code, unethical conduct, illegal activities, or wrongdoing within the Office through established internal channels. The Office is

L-Uffiċċju huwa impenjat li jipproteġi lil individwi li jirrapportaw tħassib in bona fede minn ritaljazzjoni.

Id-19 ta' Settembru, 2025

Nru. 1467

AĠENZIJA TAL-UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT ĠENERALI

Kodiċi tal-Etika għall-Persunal Amministrattiv fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-Artikolu 4(6) tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali (Kap. 90 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Avukat Ġenerali, bil-qbil mal-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, stabbilixxiet Kodiċi ta' Etika għall-Aġenzija tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali:

Artikolu 1 L-integrità u l-onestà. Il-persunal amministrattiv kollu għandu jaġixxi b'onestà, b'integrità u b'mod veritier fir-relazzjonijiet u fil-komunikazzjonijiet professjonali kollha tiegħu. Il-persunal ma għandu jinvolvi ruħu fl-ebda forma ta' frodi, rappreżentazzjoni ħażina, jew qerq. Ir-rekords u d-dokumenti uffiċjali kollha għandhom ikunu preċiżi u kompluti.

Artikolu 2 Ir-rispett u l-professjonaliżmu. Il-persunal amministrattiv kollu għandu jittratta lill-kollegi, lis-superviżuri, entitajiet tal-gvern, membri tal-ġudikatura, partijiet opposti, xhieda, u l-pubbliku b'rispett, kortesija u professjonaliżmu. L-Uffiċċju huwa impenjat li jipprovdi post tax-xogħol ħieles mill-fastidju, il-bullying, id-diskriminazzjoni, u kwalunkwe forma ta' mġiba offensiva. Dan l-impenn jinkludi l-promozzjoni attiva tad-diversità, l-ekwità u l-inklużjoni fuq il-post tax-xogħol u fl-interazzjonijiet kollha mal-kollegi u l-pubbliku. Il-persunal amministrattiv għandu jżomm standards xierqa ta' kondotta fl-interazzjonijiet tiegħu, kemm fl-Uffiċċju kif ukoll barra minnu.

Artikolu 3 L-eċċellenza fis-servizz. Il-persunal amministrattiv kollu għandu jipprovdi servizzi ta' kwalità għolja, f'waqthom u effettivi fl-interazzjonijiet u r-responsabbiltajiet kollha tiegħu. B'rikonoxximent tar-rwol kruċjali tal-Uffiċċju fiż-żamma tal-ġustizzja, l-eċċellenza fis-servizz tirrikjedi dedikazzjoni għall-professjonaliżmu, komunikazzjoni ċara, effiċjenza, u enfasi fuq l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-ġustizzja u tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-entitajiet tal-gvern, il-ġudikatura u partijiet oħra involuti fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali u l-pubbliku.

Artikolu 4 Kunfidenzjalità u protezzjoni tad-data.

Il-persunal amministrattiv kollu għandu jżomm il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni sensittiva miksuba

committed to protecting individuals who report concerns in good faith from retaliation.

19th September, 2025

No. 1467

OFFICE OF THE ATTORNEY GENERAL AGENCY

Code of Ethics for Administrative Staff at the Office of the Attorney General

IN exercise of the powers conferred by article 4(6) of the Attorney General Ordinance (Chapter 90 of the Laws of Malta), the Attorney General, with the concurrence of the Minister for Justice and the Reform of the Construction Sector, has established a Code of Ethics for the Office of the Attorney General Agency:

Article 1 Integrity and honesty. All administrative staff shall act with honesty, integrity, and truthfulness in all their professional dealings and communications. Staff shall not engage in any form of fraud, misrepresentation, or deception. All official records and documents shall be accurate and complete.

Article 2 Respect and professionalism. All administrative staff shall treat colleagues, supervisors, government entities, members of the judiciary, opposing parties, witnesses, and the public with respect, courtesy, and professionalism. The Office is committed to a workplace free from harassment, bullying, discrimination, and any form of offensive behaviour. This commitment includes actively promoting diversity, equity, and inclusion within the workplace and in all interactions with colleagues and the public. Administrative staff shall maintain appropriate standards of conduct in their interactions, both within and outside the Office.

Article 3 Service excellence. All administrative staff shall provide high-quality, timely, and effective services in all their interactions and responsibilities. Recognising the Office's crucial role in upholding justice, service excellence requires dedication to professionalism, clear communication, efficiency, and a focus on meeting justice needs and meeting stakeholders' needs, including government entities, the judiciary and other parties involved in the administration of criminal justice and the public.

Article 4 Confidentiality and data protection.

All administrative staff shall maintain the confidentiality of sensitive information acquired in the course of their

matul l-impjieg tiegħu, f'konformità mal-obbligi legali u l-politiki tal-Uffiċċju. Dan jinkludi informazzjoni dwar l-investigazzjonijiet, dettalji ta' partijiet oħra fi proċedimenti kriminali, data personali, u kwistjonijiet interni tal-Uffiċċju. Il-persunal amministrattiv għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex jipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali minn aċċess, użu jew żvelar mhux awtorizzat. Il-persunal amministrattiv għandu jikkonforma mal-liġijiet applikabbli kollha dwar il-protezzjoni tad-data u mal-politiki tal-Uffiċċju dwar il-ġbir, il-ħżin u l-ipproċessar tad-data personali.

Artikolu 5 Imparzjalità u oġġettività. Il-persunal amministrattiv kollu għandu jwettaq dmirijietu b'imparzjalità u b'oġġettività, filwaqt li jevita l-preġudizzju jew il-kunflitti ta' interess. Id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet għandhom jittieħdu fl-aħjar interess tal-ġustizzja. Dan jinkludi l-kunsiderazzjoni tal-impatt usa' tal-azzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħhom, fejn rilevanti għar-rwol tagħhom, fuq il-fiduċja pubblika, il-benesseri tal-vittmi (fl-interazzjonijiet tagħhom mal-partijiet rilevanti), u l-eżiti fil-komunità. Il-persunal amministrattiv għandu jiddikjara kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali u jieħu l-passi xierqa sabiex jindirizzahom f'konformità mal-politika tal-Uffiċċju.

Artikolu 6 Konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-politiki tal-Uffiċċju. Il-persunal amministrattiv kollu għandu jikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti, id-direttivi tas-settur pubbliku, u l-politiki u l-proċeduri tal-Uffiċċju kollha applikabbli. Il-persunal amministrattiv għandu r-responsabbiltà li jkun konxju u jifhem ir-regoli u l-linji gwida rilevanti għar-rwoli tiegħu.

Artikolu 7 Użu responsabbli tar-riżorsi. Il-persunal amministrattiv kollu għandu juża r-riżorsi tal-Uffiċċju (inkluż it-tagħmir, il-finanzi u l-ħin) b'mod responsabbli u għal skopijiet leġittimi relatati max-xogħol. Il-ħela u l-użu ħażin tar-riżorsi tal-Uffiċċju huma pprojbiti.

Artikolu 8 Tħassib dwar ir-rappurtar. Il-persunal amministrattiv kollu għandu r-responsabbiltà li jirrapporta kwalunkwe ksur suspettat ta' dan il-Kodiċi, kondotta mhux etika, attivitajiet illegali, jew għemil ħażin fl-Uffiċċju permezz tal-mezzi interni stabbiliti. L-Uffiċċju huwa impenjat li jipproteġi lil individwi li jirrapportaw tħassib in bona fede minn ritaljazzjoni.

Artikolu 9 Proċeduri ta' Responsabbiltà u Dixxiplina. In-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jikkostitwixxi reat dixxiplinarju u huwa soġġett għal-liġijiet u r-regolamenti rilevanti li jirregolaw l-impjieg fis-settur pubbliku f'Malta.

employment, in accordance with legal obligations and Office policies. This includes information on investigations, details of other parties in criminal proceedings, personal data, and internal Office matters. Administrative staff shall take appropriate measures to protect confidential information from unauthorised access, use, or disclosure. Administrative staff shall comply with all applicable data protection laws and Office policies regarding the collection, storage, and processing of personal data.

Article 5 Impartiality and objectivity. All administrative staff shall perform their duties with impartiality and objectivity, avoiding bias or conflicts of interest. Decisions and actions should be taken in the best interest of justice. This includes considering the broader impact of their actions and decisions, where relevant to their role, on public confidence, victim wellbeing (in their interactions with relevant parties), and community outcomes. Administrative staff shall declare any actual or potential conflicts of interest and take appropriate steps to address them in accordance with Office policy.

Article 6 Compliance with laws, regulations, and Office policies. All administrative staff shall comply with all applicable laws, regulations, public sector directives, and Office policies and procedures. Administrative staff shall have a responsibility to be aware of and understand the rules and guidelines relevant to their roles.

Article 7 Responsible use of resources. All administrative staff shall use Office resources (including equipment, finances, and time) responsibly and for legitimate work-related purposes. Wastefulness and misuse of Office resources are prohibited.

Article 8 Reporting concerns. All administrative staff have a responsibility to report any suspected breaches of this Code, unethical conduct, illegal activities, or wrongdoing within the Office through established internal channels. The Office is committed to protecting individuals who report concerns in good faith from retaliation.

Article 9 Accountability and Disciplinary Procedures. Failure to comply with the provisions of this Code constitutes a disciplinary offence and is subject to the relevant laws and regulations governing public sector employment in Malta.

Id-19 ta' Settembru, 2025

19th September, 2025

No. 1468

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

Explanatory Notes

1. Introduction

Title of Regulations	Radio Equipment (Amendment) Regulations, 2025 (hereinafter referred to as the "proposed regulations")
Activity to be regulated	The making available of radio equipment on the market.
Responsible entity	The Technical Regulations Division (TRD) within the Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA)

2. Summary and Background

2.1 Aims & Objectives of the legislation

Directive 2014/53/EU on the harmonisation of the laws of the Member States relating to the making available on the market of radio equipment and repealing Directive 1999/5/EC (hereinafter referred to as "Directive 2014/53/EU") lays down rules on placing radio equipment on the market, while ensuring a single market by setting essential requirements for health and safety, electromagnetic compatibility, and the efficient use of the radio spectrum.

Information on Directive 2014/53/EU may be accessed through the following link:

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32014L0053&qid=1749112404242

Directive 2014/53/EU and subsequent amendments thereto, have been transposed into local legislation by means of Subsidiary Legislation 427.41 (S.L. 427.41), entitled the Radio Equipment Regulations (hereinafter referred to as the "principal regulations", which may be accessed through the following link:

https://legislation.mt/eli/sl/427.41/eng

The aim of the proposed regulations is to transpose into Maltese law further amendments carried out to Directive 2014/53/EU which are included in Directives (EU) 2024/2749 and 2024/2839, and to implement the provisions which are included in Commission Delegated Regulations (EU) 2019/320, 2022/30 and 2023/2444, as indicated in regulation 1(2) of the proposed regulations.

2.2 Overview of the amending Directives and Regulations

Directive (EU) 2024/2749:

https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2024/2749/oj/eng

regarding emergency procedures for the conformity assessment, presumption of conformity, adoption of common specifications and market surveillance due to an internal market emergency.

Directive (EU) 2024/2839:

https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2024/2839/oj/eng

regarding certain reporting requirements in the fields of food and food ingredients, outdoor noise, patients' rights, and radio equipment.

Commission Delegated Regulation (EU) 2019/320:

https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2019/320/oj/eng

regarding the application of the essential requirements referred to in Article 3(3)(g) of Directive 2014/53/EU in order to ensure caller location in emergency communications from mobile devices.

Commission Delegated Regulation (EU) 2022/30:

https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2022/30/oj/eng

regarding the application of the essential requirements referred to in Article 3(3), points (d), (e) and (f) of Directive 2014/53/EU.

Commission Delegated Regulation (EU) 2023/2444:

https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_del/2023/2444/oj/eng

regarding the date of application of the essential requirements for radio equipment and correcting Regulation (EU) 2022/30.

3. Overview of the structure of the instrument

The proposed regulations consist of ten (10) regulations.

4. Commentary

Regulation No. of the proposed regulations	Meaning & obligations placed on user
f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese or English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for;

AND

iii. In possession of a recognised Master's degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Project Management, or Management Studies, or Public Policy, or Public Administration, or Evidence Based Management, or Animal Welfare and Animal Health, or Animal Behaviour, or Animal Husbandry, or Veterinary Sciences, or Agricultural Sciences, or Conservation Biology, or Biology, or Business Administration, or in any other relevant area as determined by management.

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

U

AND

iv. B'ħames (5) snin servizz maniġerjali rilevanti bħala Manager II, liema grad l-impjegat li għandu jkun ikkonfermat. Kwalunkwe esperjenza oħra relatata fil-qasam meħtieġa għall-grad imsemmi hawn fuq, fi, jew komparabbli ma', Skala ta' Salarju 7 fis-Servizz Pubbliku, li l-applikant jista' jkollu jista' jkun meqjusa mill-Amministrazzjoni, liema esperjenza għandha tkun sostnuta kif xieraq b'evidenza rilevanti.

iv. With five (5) years relevant management service as Manager II, in which grade the employee must be confirmed. Any other related experience in the area required for the afore-mentioned grade, in, or comparable to, Salary Scale 7 level in the Public Service, which the applicant may possess may be considered by the Administration, which experience must be duly sustained with relevant evidence.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati,

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit

basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3 hawn fuq, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Ottubru, 2025.Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 3rd October, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa, LQA 3300. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://agrikoltura.gov.mt) u (humanresources.mafa@gov.mt).

Id-19 ta' Settembru, 2025

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Sejħa għal Applikazzjonijiet għall-Kariga ta' Direttur tal-Istrateġija għall-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali

In-Numru ta' Permess tal-Jobsplus: 904/2025

L-Għan Ġenerali tal-Kariga

Id-Direttur tal-Istrateġija huwa responsabbli direttament mit-tfassil u t-twettiq tal-istrateġiji tas-setturi kulturali u kreattivi kif ukoll tal-partijiet ikkonċernati. Id-Direttur tal-Istrateġija jiżgura l-ippjanar, it-twettiq, il-ġestjoni, u s-sorveljanza tal-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tal-Kunsill Malti għall-Arti (KMA).

Id-Direttur tal-Istrateġija se jmexxi direttament il-persunal tat-Tim tal-Istrateġija, waqt li wkoll jaħdem f'kollaborazzjoni u fi sħab mal-Bord tad-Diretturi, il-Kap Eżekuttiv, l-Uffiċjal Kap Operattiv, id-Direttur tal-

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa, LQA 3300. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, and email address of the receiving Directorate are (http://agrikoltura.gov.mt) and (humanresources.mafa@gov.mt).

19th September, 2025

ARTS COUNCIL MALTA

Call for Applications for the Position of Director (Strategy) at Arts Council Malta within the Ministry for Culture, Lands and Local Government

Jobsplus Permit Number: 904/2025

Overall Purpose Of Position

The Director (Strategy) is directly responsible for the design and implementation of strategies for the cultural and creative sectors and other stakeholders. The Director (Strategy) will ensure planning, implementation, management, and oversight of the strategic goals and objectives of Arts Council Malta.

The Director (Strategy) will directly supervise the staff engaged within the Strategy Team. The Director (Strategy) will act in collaboration and in partnership with the Board of Directors, Executive Chair, Chief Operations Officer,

Finanzjament, u l-Maniġment Anzjan tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Id-Direttur tal-Istrateġija jirrapporta lill-Uffiċjal Kap Operattiv u l-Kap Eżekuttiv.

IR-RESPONSABBILTAJIET EWLENIN

Strateġija

Għajnuna lill-Uffiċjal Kap Operattiv u l-Kap Eżekuttiv permezz ta' direzzjoni strateġika għat-tħejjija tal-Pjan Strateġiku u l-Baġit tal-entità;

Tmexxija strateġika u għajnuna lit-Tim tal-Istrateġija li jirriflettu l-missjoni u l-valuri ewlenin tal-KMA waqt li jinżamm l-ogħla livell ta' integrità personali u professjonali;

Direzzjoni fl-ogħla livell tal-politika bi tħejjija għall-pjanijiet strateġiċi tal-KMA;

Provvediment tal-viżjoni olistika meħtieġa li tiżgura komprensività u sensittività fl-iżvilupp tal-istrateġija tal-KMA;

Identifikazzjoni u impatt fuq l-indikaturi tal-prestazzjoni skont il-missjoni u l-objettivi strateġiċi tal-KMA;

Żvilupp u rinfurzar tal-qafas strateġiku tal-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi permezz ta', fost oħrajn, kalendarju koeżiv ta' avvenimenti, żvilupp tal-udjenza, sistema ta' biljetti, u promozzjoni tal-ħolqien ta' inizjattivi ġodda;

Twaqqif ta' qafas ta' politika għad-diversi programmi żviluppati mmexxija u/jew appoġġjati mill-entità, u aċċertazzjoni li jiġu żviluppati u mwettqa inizjattivi biex jiġu megħjuna klijenti ġodda f'konformità mal-viżjoni politika ġenerali;

Sorveljanza tar-riċerka u l-evalwazzjoni meħtieġa biex dawn jinfurmaw l-iżvilupp tal-istrateġija u l-azzjonijiet marbuta mal-istrateġija;

Sorveljanza u valutazzjoni tal-politika kulturali u l-istrateġiji marbutin magħha;

Tmexxija u stimulazzjoni ta' tim b'funzjonijiet diversi u l-gruppi ta' ħidma relatati, bil-għan ta' żvilupp u tfassil ta' oqfsa strateġiċi mtejba u innovattivi għas-setturi kulturali u kreattivi;

Żvilupp u tfassil ta' roadmap tal-azzjonijiet meħtieġa għat-twettiq tal-objettivi strateġiċi.

Director (Funding), and Senior Management of Arts Council Malta.

The Director (Strategy) reports to the COO and the Executive Chair.

MAIN RESPONSIBILITIES

Strategy

Supports the COO and Executive Chair in providing strategic direction for the preparation of the entity's Strategic Plan and Budget;

Provides strategic leadership and support to the Strategy team that mirrors the mission and core values of ACM with the highest level of personal and professional integrity.

Provides senior policy direction in preparation of ACM's strategic plans;

Provides holistic vision required in ensuring comprehensiveness and sensitivity in the development of ACM's Strategy;

Identifies and affects performance indicators in line with the ACM's mission and the strategic objectives.

Develops and reinforces the Public Cultural Organisations strategic framework including a cohesive calendar of events, audience development, ticketing system, and promotion and creation of new initiatives;

Establishes a policy framework for the variety of programmes developed, managed and / or supported by the entity and, ensures new client assistance initiatives are developed and undertaken in line with overall policy vision;

To oversee research and evaluation required to inform the development of the strategy and strategy-related actions;

To monitor and assess cultural policy and related strategies;

To manage and stimulate a cross-functional team and related working groups, with the aim of developing and designing improved and innovative strategic frameworks for the cultural and creative sectors;

To develop and design a roadmap of actions necessary to implement strategic objectives;

Teknika

Kunsiderazzjoni u pariri lill-Uffiċjal Kap Operattiv, il-Kap Eżekuttiv u l-Bord tad-Diretturi dwar l-implikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu b'rabta ma' politiki ġodda jew bidliet fil-politiki eżistenti;

Pariri dwar il-kwistjonijiet ewlenin tal-ħidma;

Żgurar tal-iżvilupp ta' informazzjoni għall-pubbliku u n-negozji biex permezz tagħha jingħataw pariri lil persuni u intrapriżi dwar is-servizzi mogħtija mill-KMA, għal xiex huma intitolati kif ukoll x'inhuma r-responsabbiltajiet tagħhom;

Evalwazzjoni tal-ħiliet u l-prestazzjoni tat-timijiet rispettivi, permezz ta' diskussjoni u valutazzjoni tal-prestazzjoni, b'rakkomandazzjonijiet fuq oqsma li jistgħu jitjiebu;

Tfittxija ta' pariri legali biex tiġi żgurata l-interpretazzjoni tal-liġi jew liġijiet u r-regolamenti amministrati mill-KMA, kif ukoll li l-prijoritatjiet tal-Bord tad-Diretturi huma mifhuma b'mod ċar;

Ħolqien ta' rapporti għall-Bord, identifikazzjoni ta' kwistjonijiet, problemi, bżonnijiet mhux milħuqa u lakuni fis-servizzi;

Abbozzar ta' korrispondenza, proposti ta' riċerka, rapporti, diskorsi, dokumenti ta' diskussjoni u kitbiet dwar pożizzjoni;

Tħejjija ta' sottimissjonijiet u rapporti għall-Bord jew tgħarrif u preżentazzjoni lill-Uffiċjal Kap Operattiv, il-Kap Eżekuttiv u l-membri tal-Bord.

Konsultazzjoni

Konsultazzjoni mal-maniġment anzjan u membri oħrajn tal-persunal biex jiġu solvuti l-problemi u jingħelbu l-isfidi;

Rappreżentazzjoni tal-entità u fejn hu xieraq, jiġi eżerċitat rwol strateġiku dwar l-iżvilupp tal-politika u t-timijiet tal-ippjanar;

Kordinazzjoni fuq livell interministerjali u bejn l-aġenziji fuq kwistjonijiet marbutin mas-setturi kulturali u kreattivi.

Titjib Personali

Għarfien u aġġornament dwar il-kultura emerġenti, l-industriji kreattivi u l-politiki u l-kwistjonijiet marbutin mal-proprjetà industrijali;

Taħriġ regolari.

Technical

Considers and advises the COO, Executive Chair and the Board of Directors on the potential implications of new policies or changes to existing policies;

Provides advice on core business matters;

Ensures the development of information for the public and business to advice persons and entrepreneurs of the services provided by ACM and their entitlements and responsibilities thereto;

Evaluates abilities and performance of the respective units, with discussion and assessments of performance, with recommendation on areas of improvement;

Seeks legal advice to ensure that interpretation of the law(s) and regulations administered by ACM, and the priorities of the Board of Directors are clearly understood;

Develops reports for the Board, identifying issues, problems, unmet needs and service gaps, and recommends initiatives and amendments to policies and programmes as required;

Drafting of correspondence, research proposals, reports, speech notes, discussion documents and position papers;

Prepares Board submissions and reports or briefing and presentation material for the COO and Executive Chairman and Board members;

Consultations

Consults with senior management and other staff members in an effort to resolve problems and overcome challenges;

Represents the entity and , where and as appropriate, exercise a strategic role on policy development and planning teams;

Liaises on an inter-ministerial and inter-agency level on matters related to the cultural and creative sectors.

Self-improvement

Be well informed and up-to-date on emerging culture, creative industries and industrial property related policies and issues;

Training.

Superviżjoni Mogħtija

Direzzjoni ta' politika mill-Uffiċjal Kap Operattiv, il-Kap Eżekuttiv u l-membri tal-Bord fl-assenjamenti ta' importanza strateġika jew kwistjonijiet li huma kontenzjuż jew sensittivi.

Kompetenzi Essenzjali u Kundizzjonijiet tax-Xogħol Anormali

Attitudni kreattiva, ta' tkabbir u risponsiva għall-kultura;

Ħila ta' pariri, għajnuna u influwenza fuq firxa wiesgħa ta' persuni fl-istrateġija u funzjonijiet kulturali;

Ħiliet analitiċi b'saħħithom kif ukoll ta' komunikazzjoni;

Konċentrazzjoni fuq il-kompiti, b'enerġija u motivazzjoni;

Ħila ta' prijoritizzazzjoni u ħidma taħt pressjoni;

Użu u tħaddim ta' ġudizzju indipendenti u esperjenza;

Livell eċċellenti ta' ħiliet interpersonali, u komunikazzjoni bil-kitba u verbali;

Ħiliet organizzattivi b'attenzjoni għad-dettall;

Ħila u rieda għall-ivvjaġġar;

Ħidma skont il-bżonn biex jintlaħqu l-iskadenzi.

Oħrajn

Rappreżentazzjoni tal-KMA, kif ukoll fejn xieraq, tħaddim ta' rwol strateġiku fuq l-iżvilupp tal-politika jew it-timijiet tal-ippjanar kif assenjat mill-Kap Eżekuttiv;

Rappreżentazzjoni tal-KMA f'diskorsi, laqgħat esterni, konferenzi, avvenimenti, u attivitajiet oħrajn ta' komunikazzjoni kif assenjat mill-Kap Eżekuttiv;

Qadi ta' dmirijiet oħrajn kif assenjat mill-Kap Eżekuttivi.

Rekwiżiti għal Eliġibbiltà

L-applikanti, sal-ħin u d-data ta' skadenza ta' din is-sejħa, għandhom ikunu:

a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

Supervision Received

Policy direction from the COO and Executive Chair and Board Members on assignment issues of strategic importance or issues that are contentious or sensitive.

Essential Competences and Abnormal Working Conditions

Encompasses a creative, growth and culturally responsive mindset;

Ability to advise, support and influence a diverse array of strategic people and culture functions;

Possess strong analytical and communication skills;

Task-focused, with energy and motivation;

Ability to set priorities and work under pressure;

Use and exercise of independent and seasoned judgement;

Excellent level of interpersonal skills, written and oral communication;

Organisational skills with attention to detail;

Ability and willingness to travel;

Work as necessary to meet deadlines.

Other

Represents ACM and, where and as appropriate, exercise a strategic role on policy development or planning teams as assigned by Executive Chair;

Represents ACM at speaking engagements, external meetings, conferences, events, and other community activities as assigned by Executive Chair;

Performs other duties as assigned by Executive Chair.

Eligibility Requirements

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuna oħra li għandha jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħha ma' persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' resident għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar 'Status ta' Residenti għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) tal-2006', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-'Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji, 2007'; jew

f. persuni li għandhom dokument ta' residenza maħruġ skont it-termini tal-Istatus tar-Residenza taċ-Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja Tagħhom f'Malta skont il-Ftehim tal-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Il-pariri tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati fi ħdan Identità għandhom jintalbu skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati li jaqgħu taħt punti (b), (c), (d) u (e) imsemmija hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja ta' impjieg fil-każi li din tkun meħtieġa mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-leġiżlazzjoni sussidjarja. F'dak il-każ, l-entità Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

U

Kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż biex jaqdu d-dmirijiet imsemmija hawn fuq b'mod sodisfaċenti u adegwat.

U

Sad-data ta' skadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jridu jkunu kisbu:

Maġisteru rikonoxxut fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fil-każ ta' programmi li bdew minn Ottubru tal-2008 'il hawn) jew kwalifika ogħla fil-Politika u l-Ġestjoni Kulturali jew f'oqsma rilevanti, kif ukoll esperjenza ta' ħames (5) snin f'xogħol marbut ma' dan il-qasam.

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

AND

able to communicate in both the Maltese and English language in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for.

AND

must be in possession of:

a recognised Master's qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) or higher, recognised comparable qualification in Cultural Policy & Management or relevant areas, plus five (5) years relevant work experience.

Jew

Baċellerat rikonoxxut fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fil-każ ta' programmi li bdew minn Ottubru tal-2003 'il hawn) jew kwalifika ogħla fil-Politika u l-Ġestjoni Kulturali jew f'oqsma rilevanti, kif ukoll esperjenza ta' għaxar (10) snin f'xogħol marbut ma' dan il-qasam.

JENĦTIEĠ UKOLL

Tmexxija b'saħħitha u fehim tal-bżonnijiet għal proċessi ta' maniġment konsistenti;

Ħiliet b'saħħithom ta' komunikazzjoni u negozjar;

Ħiliet eċċellenti ta' organizzazzjoni u tqassim tal-ħin;

Ħila ta' ħaddim u sorveljanza tal-użu effettiv tar-riżorsi tal-entità.

Informazzjoni dwar il-Kuntratt u s-Salarju

Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' impjieg ta' tliet (3) snin full-time, bil-possibbiltà li dan jiġi mġedded għal perjodu ta' tliet (3) snin oħra, skont il-prestazzjoni tagħha. Is-salarju bażiku fl-2025 huwa ta' €40,833 (skont Grad 3 tal-Klassifikazzjoni tal-KMA u l-istruttura tas-salarji). Ma' dan jiżdiedu Bonus ta' Prestazzjoni li jitla' sa 15% kull sena, Benefiċċju għall-Komunikazzjoni li jinkludi kollox ta' €1,800 kull sena, Benefiċċju għat-Trasport li jinkludi kollox ta' €2,000 kull sena, u Benefiċċju għall-Ispejjeż ta' €2,000 kull sena.

L-Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimken ma' CV u kopji attestati taċ-ċertifikati tagħhom permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies@artscouncil.mt).

Applikanti li għandhom kwalifiki barranin għandhom jipprovdu stqarrija ta' rikonoxximent miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC) li jinsab fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (NCFHE). Din tista' tinkiseb permezz ta' applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fuq (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Din l-istqarrija għandha tinħemeż mal-applikazzjoni waqt li l-kopja oriġinali għandha tiġi ppreżentata waqt l-intervista.

Id-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet hija l-Ġimgħa, 26 ta' Settembru, 2025, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli jissejħu għal intervista.

Id-19 ta' Settembru, 2025

Or

a recognised Bachelor's qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003), or an appropriate, recognised, comparable qualification in Cultural Policy & Management or relevant areas, plus ten (10) years relevant work experience.

AND MUST HAVE

Strong leadership and understanding of the need for consistent management processes;

Excellent communication and negotiation skills;

Excellent organizational and time-management skills;

Ability to manage and monitor the effective use of the entity's resources.

Contract and Salary Information

The selected candidate will enter into a three (3) year full-time employment contract, with the possibility to renew for a further period of three (3) years, depending on his/her performance. The salary paid will be of a basic salary of €40,833 in 2025 (Grade 3 of the ACM Grading and salary Structure), a Performance Bonus of up to 15% per annum, an all-inclusive Communication Allowance of €1,800 per annum, an all-inclusive Transport Allowance of €4,659 per annum, and an Expense Allowance of €2,000 per annum.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and copies of certificates by email to (vacancies@artscouncil.mt)

Applicant holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications at (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Closing date for applications is Friday, 26th September, 2025, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

19th September, 2025

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Fondazzjoni taċ-Ċentru tar-Ricerka u l-Innovazzjoni fil-Kanċer

Servizzi ta' appoġġ għal Kampanji ta' Għarfien għall-Fondazzjoni taċ-Ċentru tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-Kanċer

Il-Fondazzjoni taċ-Ċentru tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-Kanċer se tkun qed tirċievi applikazzjonijiet minn persuni interessati biex jipprovdu servizzi ta' appoġġ fuq bażi ta' 'Contract for Service'. Il-kuntratt se jkun twil għal sena bil-possibbiltà li jiġġedded, bil-ħlas ikun ta' €7.75 fis-siegħa, eskluża l-VAT.

Il-ħinijiet tax-xogħol se jiġu deċiżi mill-uffiċċju tal-Fondazzjoni taċ-Ċentru tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-Kanċer, u jistgħu jinkludu tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi.

Is-servizzi meħtieġa huma kif ġej:

Appoġġ għall-Avvenimenti

Għajnuna fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni bħal seminars, workshops, jew programmi ta' sensibilizzazzjoni;

Appoġġ fuq il-post waqt avvenimenti, inklużi arranġamenti loġistiċi u involviment tal-parteċipanti.

Komunikazzjoni mal-Partijiet Interessati

Jaġixxi bħala punt ta' kuntatt għal mistoqsijiet mill-pubbliku, midja, jew kollaboraturi;

Kitba ta' korrispondenza lill-partijiet interessati, inklużi stedini u emails ta' segwitu;

Ġbir ta' feedback mill-partijiet interessati biex titjieb il-kampanja fil-ġejjieni.

Monitoraġġ u Rappurtar

Ġbir ta' data dwar il-firxa u l-impatt tal-kampanji ta' sensibilizzazzjoni;

Tħejjija ta' rapporti u analiżi biex jiġi assessjat is-suċċess tal-kampanja u l-oqsma fejn hemm bżonn titjib.

Żamma ta' rekord dettaljat tal-ħinijiet u s-servizzi pprovduti.

Involviment Pubbliku u Attivitajiet ta' Sensibilizzazzjoni

Organizzazzjoni u parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fil-komunità;

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Cancer Research and Innovation Hub Malta Foundation

Support services for Awareness Campaigns for the Cancer Research and Innovation Hub Malta Foundation

The Cancer Research and Innovation Hub Malta Foundation, will be receiving applications from interested persons to provide support services on a 'Contract for Service' basis. The duration of this assignment will be up to one year which can be renewed. The hourly rate will be €7.75 excluding VAT.

The working hours will be determined by the office of the Cancer Research and Innovation Hub Malta Foundation and may include weekends and public holidays.

The services required are as follows:

Event Support

Assisting in organising awareness events such as seminars, workshops, or outreach programmes;

Providing on-site support during events, including logistical arrangements and participant engagement.

Stakeholder Communication

Acting as a point of contact for queries from the public, media, or collaborators;

Drafting correspondence to stakeholders, including invitations and follow-up emails;

Gathering feedback from stakeholders to improve future campaigns.

Monitoring and Reporting

Collecting data on the reach and impact of awareness campaigns;

Preparing reports and analyses to assess campaign success and areas for improvement.

Maintaining detailed records of hours worked and services provided.

Public Engagement and Awareness Activities

Organising and participating in community outreach activities to promote cancer awareness;

Tħejjija u distribuzzjoni ta' materjal edukattiv lill-pubbliku;

Kollaborazzjoni ma' professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa biex jipprovdu informazzjoni preċiża u ta' impatt.

Il-persuni interessati għandu jkollhom:

il-ħila li jaħdmu b'ritmu mgħaġġel;

ħiliet ta' komunikazzjoni tajba;

il-ħila li jaħdmu f'tim u individwalment;

ikunu kapaċi jaħdmu mingħajr superviżjoni;

ikollhom ħiliet biex isolvu il-problemi;

ikollhom ħiliet organizzattivi b'saħħithom.

Minbarra li jkollhom il-ħiliet ta' hawn fuq, l-individwi interessati għandhom jipprovdu prova ta' esperjenza rilevanti f'inizjattivi simili.

Espressjonijiet ta' interess akkumpanjati minn Curriculum Vitae dettaljat, ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija (maħruġ fi żmien xahar mid-data tal-applikazzjoni) u kopji tal-kwalifiki għandhom jiġu sottomessi permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.crihm@gov.mt) sa nofsinhar tat-Tlieta, 30 ta' Settembru, 2025.

Id-19 ta' Settembru 2025

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Pool ta' Esperti fir-Riċerka tal-Kanċer

Il-Fondazzjoni taċ-Ċentru tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-Kanċer Malta, qed tilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni interessati biex jiffurmaw parti minn grupp ta' esperti fuq bażi ta' Kuntratt Definit. Din is-sejħa se tkun għal perjodu ta' 12-il xahar bil-possibbiltà ta' tiġdid aktar 'il quddiem. L-esperti se jiġu assenjati xogħol abbażi skont l-oqsma tal-professjoni/espertiżmu tagħhom.

Oqsma ta' Espertiżmu:

1. Pariri Legali

2. Infermerija fir-Riċerka Klinika

3. Ġestjoni ta' Proġetti għal proġetti ffinanzjati

4. Politika ta' Akkwist u Konformità mar-Regolamenti

Preparing and distributing educational materials to the public;

Collaborating with healthcare professionals to provide accurate and impactful information.

Interested persons are to have the necessary skills for the task

the ability to work in fast-paced environments;

good communication skills;

the ability to work in a team and individually;

be able to work on own initiative;

have problem-solving skills;

have strong organisational skills.

Apart from having the above skills interested individuals are to provide proof of previous relevant experience.

Expressions of interest accompanied by a detailed Curriculum Vitae, Police conduct certificate (issued within one month of application date) and copies of qualifications are to be submitted via email to (recruitment.crihm@gov.mt) until noon on Tuesday, 30th September, 2025.

19th September, 2025

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Pool of Experts in Cancer Research

The Cancer Research and Innovation HUB Malta Foundation, is inviting applications from interested persons to form part of a pool of experts on a Contract for Service basis. The validity of the pool will be for a period of 12 months with possible further renewals. Experts will be assigned tasks on a case-by-case basis according to their area of expertise.

Areas of Expertise:

1. Legal Advisory

2. Clinical Research Nursing

3. Project Management for funded projects

4. Procurement Policy and Compliance

5. Taħriġ għall-Iżvilupp ta' Ħiliet Professjonali

Persuni interessati għandu jkollhom kwalifiki rilevanti fl-oqsma rispettivi tagħhom mhux inqas minn Livell 6 tal-MQF jew tliet snin esperjenza fl-oqsma tagħhom ta' espertiżmu.

Espressjonijiet ta' interess akkumpanjati minn Curriculum Vitae dettaljat, kondotta tal-Pulizija (maħruġa fi żmien xahar mid-data tal-applikazzjoni), u kopji ta' ċertifikati ta' kwalifiki għandhom jintbagħtu lil (recruitment.crihm@gov.mt) sat-Tlieta, 30 ta' Settembru, 2025, sa nofsinhar.

Id-19 ta' Settembru, 2025

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Espressjoni ta' Interess

Kordinatur tal-Avvenimenti għall-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli fid-Direttorat għas-Servizzi tal-Edukazzjoni (DSE) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħarraf li qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand individwi interessati sabiex jagħmlu x-xogħol part-time – sa massimu ta' 30 siegħa fil-ġimgħa – ta' Kordinatur tal-Avvenimenti fuq bażi ta' 'kuntratt għal servizz' għall-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli fi ħdan id-Direttorat għas-Servizzi tal-Edukazzjoni (DSE) tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Ix-xogħol jinvolvi l-ippjanar, l-organizzazzjoni, il-promozzjoni u l-amministrazzjoni ta' avvenimenti bħal wirjiet, workshops u attivitajiet kulturali, f'kollaborazzjoni mal-impjegati tal-Kulleġġ u l-partijiet interessati.

L-applikanti għandu jkollhom esperjenza rilevanti fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti (preferibbilment fl-Arti), ħiliet tajbin ta' organizzazzjoni u komunikazzjoni, u jkunu lesti li jaħdmu sigħat flessibbli meta jkun meħtieġ.

L-applikanti interessati għandhom jissottomettu ittra ta' applikazzjoni, CV u kopji tal-kwalifiki permezz ta' (https://edurecruitment.gov.mt) sal-5.00 p.m. tal-Ġimgħa, 10 ta' Ottubru, 2025.

L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista u għandhom iġibu magħhom iċ-ċertifikati oriġinali tagħhom.

Numru tat-telefown: 2598 3710
Indirizz elettroniku: (mavassalli.college@ilearn.edu.mt)

Id-19 ta' Settembru, 2025

5. Professional Skills Development Trainer

Interested individuals are to have relevant area qualifications not less than MQF Level 6 or three years' experience in their area of expertise.

Expressions of interest accompanied by a detailed Curriculum Vitae, Police Conduct (issued within one month of application date), and copies of qualification certificates are to be submitted to (recruitment.crihm@gov.mt) until Tuesday, 30th September, 2025, at noon.

19th September, 2025

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Expression of interest

Events Co-ordinator for Mikiel Anton Vassalli College within the Directorate for Educational Services Department (ESD) within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

The Permanent Secretary, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, notifies that applications are being received from interested persons willing to perform duties on a part-time contract for service basis – up to 30 hours weekly – as an Events Co-ordinator, for Mikiel Anton Vassalli College, within the Directorate for Educational Services Department (ESD) within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation.

The work involves planning, organising, promoting and managing events such as exhibitions, workshops and cultural activities, in collaboration with staff and stakeholders

Applicants must have experience in event management (preferably in the Arts), strong organisational and communications skills and the ability to work flexible hours when required.

Interested applicants are to submit a letter of application, CV and copies of qualifications via (https://edurecruitment.gov.mt) until 5.00 p.m. on Friday, 10th October, 2025.

Eligible applicants will be required to sit for an interview and are to bring their original certificates with them.

Telephone number: 2598 3710
Email address: (mavassalli.college@ilearn.edu.mt)

19th September, 2025

MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI

AVVIŻ – 15 ta' Settembru 2025
Business Enhance Grant Schemes

ERDF Grant Schemes 2021-2027
Pjan ta' Rkupru u Resiljenza

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport fi ħdan il-Ministeru għall-Fondi Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali (MFI) qed tħabbar aktar dati ta' cut-off għall-Miżuri ta' Sapport tal-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) fi ħdan il-programm 2021-2027, filwaqt li tfakkar l-aħħar data ta' cut-off, kif diġà kienet mħabbra, għall-Miżuri ta' Sapport tal-Investimenti C1-I1 'Għotjiet immirati għar-rinnovament ta' bini tas-settur privat għar-retrofitting u l-effiċjenza enerġetika fil-bini' u C3-I4 'L-introduzzjoni ta' miżuri biex tiġi intensifikata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat' fi ħdan il-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza għal Malta.

Għaldaqstant, għall-Miżuri ta' Sapport tal-FEŻR, flimkien mad-dati ta' cut-off li diġà kienu mħabbra sal-aħħar ta' Diċembru 2025, id-dati ta' cut-off sal-aħħar ta' Ġunju 2026 qed jiġu mnedija. Is-sejħiet huma amministrati permess ta' sejħiet open-rolling b'dati ta' cut-off li jiskadu fil-ġranet kif msemmi, sakemm ikun hemm fondi disponibbli:

MINISTRY FOR EUROPEAN FUNDS AND THE IMPLEMENTATION OF THE ELECTORAL PROGRAMME

ANNOUNCEMENT – 15th September 2025
Business Enhance Grant Schemes

ERDF Grant Schemes 2021-2027
Recovery and Resilience Plan for Malta

